**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**

Taqsima ta' L-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:**___________________________________ **Klassi:**__________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (i) | F (ii) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 26 | 5 | 6 | 8 | 13 | 14 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

Kummenti

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

**Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**

### Il-GREMXUL TA' MALTA



Il-gremxul kapaċi jgħix f'ħafna ambjenti niexfa bħal f'ġonna, fi xquq fil-blat, ġo ħitan tas-sejjieħ, mal-ġenb tat-toroq u taħt xi ġebla. Dawn huma fost il-ħafna postijiet fejn jgħix. (*par. 1*)

Il-gremxul iżomm it-temperatura tal-ġisem dejjem l-istess, billi matul il-ġurnata joqgħod jixxemmex biex jisħon, jew jistkenn fid-dell tat-toqba fejn joqgħod, biex jiksaħ. Meta l-gremxul ma jkunx qiegħed jixxemmex jew jistkenn, ikun qiegħed għall-kaċċa. Il-gremxul jgħix billi jiekol annimali oħra bħal insetti, bebbux, brimb u xi kultant anke xi gremxul żgħir ieħor. B'danakollu jekk isib xi fdalijiet li l-bniedem iħalli warajh, żgur li mhux se jitlef l-okkażjoni li jduqhom u jikolhom. *(par. 2)*

Il-gremxul kapaċi jaqbeż minn zokk għal ieħor, jew minn fuq xi ġebla għal fuq insett b'ħeffa liema bħalha. Diffiċli żżomm għajnejk fuq gremxula li tkun qiegħda tiġri jew tiġġieled ma' xi gremxula oħra. *(par. 3)*

Il-ħajja tal-gremxul mhix kollha ward u żahar għax annimali oħra jikkaċċjaw għalih ukoll. Għalkemm il-gremxul hu daqshekk ħafif, annimali oħra bħas-sriep, il-kamaleonte, ix-xaħmet l-art, qtates, xi għasafar u l-qanfud, kollha jagħmlu ikla minnu. Matul ix-Xitwa, minħabba s-sħab, in-nuqqas ta' xemx u l-kesħa, il-gremxul iqatta' ħafna ħin rieqed jew għall-kenn. *(par. 4)*

Għandna nħossuna kburin li għandna dan l-annimal tant uniku u interessanti. Għalhekk, kulħadd għandu jagħmel il-parti żgħira tiegħu biex jiżgura li l-gremxul ta' Malta jibqa' jgħix għal ġenerazzjonijiet futuri. Jekk jispiċċa minn Malta, ikun spiċċa għal dejjem minn fuq wiċċ din id-dinja. *(par. 5)*

(Addattament minn kitba ta' Ronald mill-magazin **Il-Ballottra)**

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Semmi żewġ postijiet fejn il-gremxul kapaċi jgħix. *(par. 1)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

2. X'jagħmel il-gremxul biex iżomm it-temperatura tal-ġisem? *(par. 2)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

3. Mit-tielet paragrafu, agħti żewġ eżempji biex turi l-ħeffa tal-gremxul.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

4. Għaliex matul ix-Xitwa l-gremxul iqatta' ħafna ħin rieqed? *(par. 4)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

5. Semmi ħaġa waħda li int tista' tagħmel biex il-gremxul ma jinqeridx minn Malta.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (26 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom ***dawn*** fl-ewwel paragrafu?

______________________________________________________________________ (1)

2. *li l-bniedem iħalli waraj**h*** ( *par. 2* ). Għal min qiegħed jirreferi l-pronom ***h*** fil-kelma *waraj**h**?*

______________________________________________________________________ (1)

3. *Il-ħajja tal-gremxul mhi**x** kollha ward u żahar (par. 4)*
   X'funzjoni għandha l-konsonanati ***x*** fil-kelma *mhi**x***?

______________________________________________________________________ (1)

4. Mill-ħames paragrafu sib u ikteb is-sentenza li turi li dan il-gremxul jgħix biss f'Malta.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

## (ii) **LESSIKU / VOKABULARJU**

1. Mis-silta sib kliem li jfisser l-istess bħal:
   a. xotti *(par. 1)* ______________________
   b. jum *(par. 2)* ______________________
   ċ. tissielet *(par. 3)* ______________________
   d. m'hawnx bħalu *(par. 5)* ______________________ (4)

2. Fisser dawn l-idjomi:

a. mhix kollha ward u żahar (*par. 4)*

______________________________________________ (1)

b. iżżomm għajnejk fuq *(par. 3)*

______________________________________________ (1)

3. Jekk il-gremxul jispiċċa minn Malta, ikun spiċċa għal dejjem minn fuq **wiċċ** id-dinja. Ikteb sentenza bin-nom ***wiċċ*** biex turih b'tifsira differenti minn kif inhu użat hawnhekk.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

## (iii) **SINTASSI / SENTENZI**

Ikteb is-sentenzi mod ieħor mingħajr ma tibdel is-sens.

1. Matul ix-Xitwa, minħabba s-sħab, in-nuqqas ta' xemx u l-kesħa, il-gremxul iqatta' ħafna ħin rieqed jew għall-kenn.

   L-irqad fit-tul jew għall-kenn mill-gremxul isir minħabba Ii matul ix-Xitwa ________________

   ______________________________________________ (1)

2. Meta l-gremxul ma jkunx qiegħed jixxemmex jew jistkenn, ikun qiegħed għall-kaċċa.

   Il-gremxul iqatta' l-ħin tiegħu ______________________________________________

   ______________________________________________ (1)

## (iv) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Ehmeż il-pronom mal-kelma kif hemm fil-parentesi.

John fetaħ (l-għajnejn tiegħu) ____________________. Dik ma kinitx (il-kamra tiegħu) ____________________ . Fejn kien? F'salt wieħed ftakar li kien fid-dar ta' (ħabib tiegħu) ____________________ li kien (laqa' lilu) ____________________ f'daru. (4)

3. Ikteb fil-vojt skond m'għandek miktub fil-parentesi.

Il-missier għajjat lil ibnu, ( l-imperattiv singular tal-verb ħareġ) " ______________ ftit fil-bitħa." Meta Pawlu ( il-mamma tal-verb bl-għerq w-s-l ) ______________ hemm ra li kien hemm ħafna ilma (verb kwadrilitteru fl-imperfett bl-għerq ċ-r-ċ-r) ______________ mal-ħajt. Kien (il-mamma tal-verb dgħajjef bl-għerq f-w-r) _________ it-tank ta' fuq il-bejt. (4)

4. Ikteb kliem flok numri.

Domna (3) _________________ kwarti biex wasalna. Meta dħalna fil-post kienu saru l- (4) _____________________ . Fil-kamra kien hemm ma' l- (14)________________ - il ruħ. Aħna poġġejna fid- (9) ____________________ ringiela. (4)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (5 marki)

Daħħal ħamsa minn dawn il-Qwiel jew l-Idjomi biex tagħti sens lis-sentenzi:

Il-ġarra ġejja u sejra fl-aħħar tinkiser; raġel ta' l-isem; jagħmilha tal-ħmar biex ma jħallasx dwana; ħalib ommu fi snienu; imnieħru mxammar; raġel fuq l-irġiel; il-qattusa għaġġelija frieħ għomja tagħmel; min imaqdar irid jixtri.

1. Ommu qaltlu li kien għadu ________________________________, għalhekk bla esperjenza.
2. Lil dak ir-raġel kulħadd jafdah għax ________________________________________________.
3. Oqgħod attent.Tibqax tabbuża għax ________________________________________________ ________________________________________________________________________________.
4. L-affarijiet agħmilhom bil-mod u sewwa għax ________________________________________ ________________________________________________________________________________.
5. Paul dejjem isib xi skuża biex jeħles minn dmiru. Mhux ta' b'xejn li kulħadd jgħid li jħobb ________________________________________________________________________________.

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

a. Agħti sitt aġġettivi biex tiddeskrivi persuna li tammira.

- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________

**JEW**

b. Imla l-vojt ta' dawn l-istruzzjonijiet biex ikollna ambjent aħjar.

1. Qatt ________________ karti ma' l-art.
2. ________________ ħsieb is-siġar u l-fjuri biex dawn jikbru iktar sbieħ.
3. Meta tmur il-baħar ________________ ħmieġ warajk.
4. Dejjem ________________ ir-radju b'volum baxx.
5. __________________ fuq il-ħitan.
6. __________________ l-annimali għax dawn huma l-ħbieb tagħna.

| E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI - SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA | (8 marki) |
|---|---|

Agħżel persunaġġ minn dawk li fittixt dwarhom. Ikteb madwar tmenin kelma dwaru/ha.

| F. LETTERATURA | (27 marka) |
|---|---|

## (i) POEŻIJA : NADRIET 2



Disinn ta' Guido Lanfranco

a. ***Ballata*** **ta' Rużar Briffa**

Pawla, Pawla, xi sbuħija
Saħħret wiċċek u mixjitek?
Kont il-għaxqa minn ta' niesek
Kemm malajr il-mewt ħatfitek!

1. Din il-poeżija hija ***ballata***. Fisser il-kelma ***ballata***.

______________________________________________________________ (2)

2. Din l-istrofa hija:
   (a) ☐ kwartina
   (b) ☐ terzina
   (ċ) ☐ vers distiku (1)

3. Iż-żewġ maħbubin kienu jiltaqgħu ħdejn ______________________________ (1)

4. Il-maħbub ta' Pawla kien: (a) ☐ raġel Malti
(b) ☐ kavallier Franċiż
(ċ) ☐ suldat Ingliż (1)

5. Liż-żewġ maħbubin qatilhom: (a) ☐ missier it-tfajla
(b) ☐ suldat
(ċ) ☐ ħabib (1)

b. ***Wied Qirda*** **ta' Dun Karm Psaila**



Meta ninżel hawnhekk filwaqt li ħamra
ix-xemx tistaħba wara l-Fuqqanija,
u nara d-djar u 'l fuq mid-djar xi tamra
isewdu fuq il-ward ta' dik id-dija;

Filwaqt li f'qalb li tħobb tixgħel bħal ġamra
ix-xewqa tal-mistrieħ ġo dar kennija
u l-aħħar xbejba, li x-xemx għamlet samra,
titla' b'xi midra jew b'xi luħ mgħobbija;

1. Din il-poeżija hija: (a) ☐ sunett Petrarkjan
(b) ☐ sunett Shakesperjan
(ċ) ☐ ħajku (1)

2. Agħti r-rima tal-kwartini.

_______________________________________________ (1)

3. Mit-tieni kwartina ikteb similitudni.

_______________________________________________ (1)

4. Agħti l-ħsieb tal-poeżija ***Wied Qirda***.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4)

## (ii) PROŻA

a. ***Ħolm tal-Milied?*** **ta' Trevor Żahra**

Leli kien jieħu gost ħafna meta għand in-nanna Franġiska kien jasal ħin ir-ružarju. Fi tmien linji rrakkonta x'kien jiġri waqt dan il-ħin.

**JEW**

Ix-xiħa f'salt berrqet għajnejha beraħ, qamet bi skoss, rassitu magħha u bdiet tgħajjat. "Reġa' ġie! Reġa' ġie! Il-Bambin reġa' ftakar fina!"
F'madwar tmien linji rrakkonta x'ġara fit-tieni laqgħa li Leli kellu max-xjuħ fil-lejl tal-Milied. (meta Leli għamel il-priedka tal-Milied).

___

___

___

___

___

___

___

___

___ (10)

b. ***Nies Bla Sabar*** ta' Temi Zammit
Wieġeb:

1. Fl-istorja *Lukarda u l-Għadd tan-Nies*, x'ħasbet Lukarda li kien ix-xogħol tal-ġuvni?

   ___

   ___ (1)

2. Wara li marret iċ-ċine, x'qalet Ċensa lil Vitor, il-ġara, fl-istorja *Ċensa u ċ-Ċine*?

   ___ (1)

3. *Mard, Duwa u Fejqan:* X'kienu jagħmlu n-nies ta' l-imgħoddi f'Malta biex jiskansaw l-għajn? Semmi tnejn minnhom.

   ___

   ___ (2)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **WIEĦED** minn dawn u fuq karta separata ikteb madwar 200 kelma.



1. Dik qatgħa li ħadt!
2. Ħolma li kelli.
3. Il-passatemp favorit tiegħi.
4. Immaġina li int għasfur ħieles. Irrakkonta ġurnata f'ħajtek.
5. Kont miexja fil-kampanja. Iddeskrivi l-atmosfera ta' madwarek u rrakkonta dwar inċident li nqala'.